18



# MADONNA TA' PINU

**MADONNA TA' PINU**

perjodiku ta' kull tlett xhur

Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba mhumiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.

---

Kull korrispondenza għandha tkun indirizzata hekk:

L-Editur,
"Madonna Ta' Pinu"
Ċentru Kulturali Marjan
Ta' Pinu, Għawdex.
Nru. tat-Tel: 556187

---

**Abbonament għal sena**

Lokali: 75c
Sostenitur: £M1.

Barra minn Malta: £M1.
Sostenitur: £M2.

**INTENZJONI TA' DIN IL-ĦARĠA**

Biex is-sejħa ta' Marija lil Karmni Grima tasal f'widnejn l-Għawdxin u l-Maltin kollha u hekk dejjem jikber il-għadd tad-devoti li jirċievu grazzi speċjali li l-Madonna xxerred minn dan is-Santwarju.

Gozo Press.

VOL. II — SENA V — Nru. 18

**APRIL — ĠUNJU 1984**

---


* Il-Kelma tar-Rettur 33
* Il-pellegrinaġġi għas-Santwarju Ta' Pinu 34
* Marija 39
* Ta' Pinu Sanctuary through the centuries 42
* X'naf fuq Karmni Grima 48
* Lill-Madonna ta' Pompei 52
* Il-Madonna għajnuna ta' l-insara fil-ħajja ta' San Ġwann Bosco 53
* Id-devoti tal-Madonna jilqgħu l-istedina tagħha 57
* Santwarji Marjani fl-Ewropa 58
* Mill-ħajja tas-Santwarju 60
* Grazzi Madonna għax smajtni 63


---

**STAMPA TAL-QOXRA:**

L Istampa tal qoxra turi l-Kwadru Mirakuluż li minnu l-Madonna ta' Pinu kellmet littwajba Karmela Grima fit-22 ta' Ġunju, 1883. Dan il-kwadru, xogħol il-pittur Amadeo Perugino, tpitter fis-sena 1619. Din ix-xbieha tal-Madonna ġiet inkurunata mill-Kardinal Alessio Lepicier fil-1935.

# *Il-Kelma tar-Rettur*

*Fid-diskors li l-Ħm.T. Legat tal-Papa, Salvatore Pappalardo għamel f'egħluq il-Kungress u l-festi Ċentinarji fis-Santwarju Ta' Pinu, fost ħwejjeġ oħra semma kif l-egoiżmu u s-suppervja jżommuna l-bogħod minn Alla, għaliex barra li huma fonti ta' kull ħażen huma wkoll ostaklu għall-indiema.*

*Dan il-kliem jikkonfermawhulna kemm il-Kotba Mqaddsa kemm ukoll l-esperjenza tal-ħajja. Kienu s-suppervja u l-egoiżmu li niżżlu lil luċifru mis-sema u xeħtuh fl-infern għal dejjem; kienu l-egoiżmu u s-suppervja li waqqgħu lil Adam fid-dnub; kienu dawn iż-żewġ vizzji li daħħlu tant mibegħda, ġlied, tilwim, vendikazzjonijiet u qtil fid-dinja u wasslu lill-istess dinja f'xifer il-qerda.*

*Għaliex min ikun maħkum minn dawn il-vizzji jara lilu nnifsu quddiem, dejjem u kullimkien, iqis lil kulħadd anqas minnu, u biex jasal fejn ikun jixtieq, jinsa għal kollox id-dmirijiet tiegħu lejn l-oħrajn u jiċħad id-drittijiet tagħhom. U jekk xi darba jagħmilha ta' umli aktarx li ma jkunx ma' persuni iżgħar minnu imma ma' dawk li jkun irid jidher aktar ħelu. Din hija l-kawża li l-bniedem jistinka kemm jistinka ma jistax isib paċi. Għaliex Alla jirreġetta lill-egoist u lis-superv u fejn ma hemmx il-barka t'Alla ma jistax ikun hemm hena u suċċess. Kemm naraw nies kemm fil-qasam materjali kemm ukoll f'dak spiritwali jistinkaw biex jilħqu l-idejal li jkollhom. Imma fejn jaslu? Forsi Alla jkun żejjinhom ukoll b'diversi doni u opportunitajiet. Imma jekk dak li jagħmlu ma jagħmluhx prinċipalment għall-glorja t'Alla, mhux biss ma jirnexxux, imma xi drabi jservu wkoll ta' ħsara.*

*Imma araw ftit Alla kemm iħobb lil dawk li huma umli u li jagħmlu ma jagħmluhx għall-interess personali tagħhom. Għaliex saret hekk kbira l-Madonna? Għaliex Alla jħares lejn l-umiltà tagħha!! Għaliex tant qaddisin għamlu tant ġid u ġiebu tant barka madwarhom? Għaliex kienu umli u ħadmu għal Alla biss. Għaliex kull meta l-Madonna trid twassal xi messaġġ lid-dinja ma ssibx xi persuna għarfa, imżejna b'għerf profan jew teoloġiku, xi persuna diplomatika, imma dejjem tfittex persuni umli bħalma huma tfal, jew persuni ta' edukazzjoni żgħira bħalma kienet Karmni Grima, li f'dawn il-ġranet qegħdin infakkru l-101 anniversarju tas-sejħa tagħha, u tant persuni oħra li għexna u ngħixu magħhom u li għamlu tant ġid lil għajrhom. Għaliex Alla jinqeda bl-umli biex iħawwad lis-supperv, biex jurih li bis-suppervja u l-egoiżmu ma jasal imkien ħlief fit-telfien.*

*Nitolbu mela lill-Madonna biex tgħinna ħalli aħna wkoll inkunu mħarsa mill-egoiżmu u s-suppervja, u li nagħmlu nagħmluh għall-glorja t'Alla, u għall-ġid ta' għajrna u mhux biex nidhru aħna.*

BIBLJOTEKA PARROKJALI
KATIDRAL - GHAWDEX

Mill-E.T. MONS. NIKOL Ġ. CAUCHI, ISQOF T'GĦAWDEX

# Il-Pellegrinaġġi għas-Santwarju Ta' Pinu

Hija ħaġa magħrufa, li s-santwarji ewlenin tal-Madonna f'kull parti tad-dinja, jiġbdu lejhom għadd kbir ta' pellegrinaġġi.

Dan ġara wkoll fis-Santwarju Ta' Pinu. Anke qabel ma xterdet ix-xniegħa li Sidtna Marija semmgħet leħinha f'dan il-post, xi nies devoti tagħha mill-parroċċi qrib kienu jmorru jżuru din il-knisja ċkejkna, jitolbu quddiem ix-xbieha tal-Madonna u jixgħelu l-lampier li kien hemm quddiemha. Meta mbagħad il-Maltin u l-Għawdxin semgħu l-aħbar tad-dehriet tal-Madonna Ta' Pinu, l-għadd



**Proċessjoni bix-xbieha tal-Madonna ta' Pinu qabel telqet minn La Goulette fit-Tuneżija, f'pellegrinaġġ lejn Kensington, l-Awstralja, fis-sena 1957**

ta' pellegrinaġġi kotor f'daqqa. Minn dak inhar sal-lum, ta' kull sena eluf ta' nies iżuru dan il-post qaddis.

Dun Alwiġ Vella, Direttur tal-perjodiku "Id-Devot ta' Marija" jiddeskrivi bil-kelmiet li ġejjin, dan il-fenomenu: "Ġiet xewqa lil kulħadd li jmur jinvista lil din il-knisja. Iżda meta kull min jibda jmur fiha u għalkemm isibha sempliċi, rozza u mingħajr żina, pure jħoss ġo fih ħaġa li tiġbdu għall-

qima u għad-devozzjoni, iż-żmien li jgħaddi ġo fiha, itir bħal leħħa, joħroġ bix-xewqa li mill-aktar fis jerġa' jmur jinvistaha, jieħu ż-żejt mil-lampa tagħha u jsibu ta' qawwa u għajnuna l-iktar kbira; il-poplu kollu t'Għawdex u xejn inqas ta' Malta, donnu msejjaħ mis-sema, f'daqqa waħda mar bil-kuruna f'idejh jinvistaha. Sinjuri u fqar, saċerdoti u sekulari, żgħażagħ u xjuħ, kważi kulħadd bil-mixi, għalkemm fil-bogħod, marru u għadhom imorru jirreċitaw ir-Rużarju fit-triq u jinvistaw lid-devota immaġini ta' Marija. Fil-ġranet tal-Ħdud imbagħad, il-folol tan-nies bdew ikunu tal-għaġeb, mis-sagħtejn ta' bil-lejl bdew jitilqu mill-irħula l-aktar mill-bogħod." (73)

Dawn il-qtajja' ta' nies li jżuru s-santwarju kienu joktru fix-xahar ta' Awissu u b'mod partikulari fil-ġranet tal-kwindiċina tal-Assunta. "Ma' nżul ix-xemx" — ikompli jikteb Dun Alwiġ Vella — "kont tara l-poplu kollu wara ġurnata twila ta' xogħol u ta' għomma, sejjer qtajja' qtajja' lejn is-santwarju Ta' Pinu jgħid ir-Rużarju u hekk jissokta sal-lejl avanzat, biex jerġa' mbagħad jibda fil-għodu kmieni." (74)

Fost l-ewwel pellegrinaġġi organizzati għal din il-knisja, ta' min isemmi dawk li saru minn diversi fratellanzi. Hekk fil-5 ta' April, 1887, fil-għaxija, il-membri tal-Fratellanza tal-Addolorata libsin bl-abitu tal-Kongregazzjoni tagħhom u mmexxijin mill-Patri Riotta u Patri Romano, ġiżwiti, żaru din il-knisja u saritilhom funzjoni li fiha ppriedka Patri Romano. (75) Fl-1 ta' Mejju fil-għaxija, il-fratellanza tal-Kunċizzjoni tal-Patrijiet ta' San Franġisk, u warajha l-Fratellanza l-oħra ta' Ġesu Marija mwaqqfa fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, immexxija mill-Prokuratur tagħha Dun Ġużepp Grima, għamlu pellegrinaġġ għas-santwarju flimkien ma' ġemgħa kbira ta' nies. (76) Fit-12 ta' Ġunju, 1887, il-Patri Eġidju, Gwardjan tal-Kunvent ta' Ġieżu tal-Belt Valletta, ġab miegħu madwar ħamsa u tmenin imseħbin fit-Terz Ordni Franġiskan. Waslu Għawdex fil-lejl ta' qabel, raqdu fid-dar tal-irtiri ta' San Kalċidonju, imbagħad fit-tlieta ta' fil-għodu marru fil-knisja ta' San Ġakbu, fejn libsu l-abitu tat-terzjarji u minn hemm telqu bil-mixi lejn Ta' Pinu, bis-salib quddiemhom. Kif waslu fil-kappella, il-Patri Gwardjan qaddsilhom, qarbinhom u kellimhom dwar id-dehriet tal-Madonna. Qabel ma telqu, Dr. Filippu Curmi Ceci f'isimhom offra lill-kappella stendard tal-ħarir abjad bl-istemma tal-Ordni Franġiskan irrakkmata bid-deheb. (77) Pellegrinaġġ bħal dan sar mill-konfratelli tal-Via Crucis tal-Birgu fit-2 ta' Diċembru, 1888, li ġew minn Malta l-ġurnata ta' qabel, qagħdu f'San Kalċidonju u minn hemm telqu bil-mixi fis-sebgħa ta' fil-għodu lejn Ta' Pinu, libsin l-abitu tagħhom kulur id-demm. Il-Kanonku Marmarà li ħa sehem magħhom fil-pellegrinaġġ għamel diskors tal-okkażjoni u f'isem kulħadd offra lis-santwarju qanpiena tal-fidda. (78)

BIBLJOTEKA PARROKKJALI
KATIDRAL - GĦAWDEX

Il-parroċċi kollha ta' Għawdex u ħafna minn dawk ta' Malta ta' kull sena, speċjalment fi żmien ir-Randan, jagħmlu pellegrinaġġi għas-santwarju. Fost ta' l-ewwel li bdew din id-drawwa kien hemm il-Kappillan ta' Kerċem, Dun Ġużepp Vella, li fis-17 ta' April, 1887, wara nofs inhar "mar bil-poplu tiegħu kollu, bil-Kleru u l-fratellanzi tas-Sagrament u tar-Rużarju jirreċitaw ir-Rużarju tant huma u sejrin, kemm huma u ġejjin." L-istess għamel il-kappillan taż-Żebbuġ, Dr. Dun Bartolomeo Busuttil, li fl-24 ta' April, 1887, wara nofs inhar niżel mir-raħal tiegħu għal Ta' Pinu bil-Kleru u l-poplu u irreċitaw ir-Rużarju. (79)

Fis-siegħa ta' bil-lejl, tas-6 ta' Awissu, 1887, Dun Ġużepp Vella, viċendarju tal-Għasri, mexxa pellegrinaġġ ta' nies minn dak ir-raħal u miż-Żebbuġ, li għaddew xi ħin jitolbu fil-għalqa ta' quddiem is-santwarju b'ġabra kbira. Imbagħad temmew il-pellegrinaġġ tagħhom bil-kant tal-Litanija. (80)

Fost il-barranin li kienu minn ta' l-ewwel li ġew jagħtu qimithom lill-Madonna Ta' Pinu kienu bosta kattoliċi Irlandiżi, suldati fil-Cornwall Regiment of Light Infantry, li kellhom il-kwartieri tagħhom fil-bajja ta' San Ġorġ, Malta. Nhar it-Tlieta ta' fuq Għid il-Ħamsin tas-sena 1887, huma ġew Għawdex u mmarċjaw mat-triq Ta' Pinu bil-marċi tal-banda li kellhom magħhom. Kif waslu fil-kappella, il-Ġiżwita Fr. Hayden li ġie magħhom għamlilhom diskors qasir dwar id-devozzjoni lejn il-Madonna Ta' Pinu li kienet dejjem tikber. Għalkemm kienet xemx tisreġ, huma qagħdu barra quddiem il-kappella, qalu xi talbiet, imbagħad kantaw flimkien, akkumpanjati bid-daqq tal-banda, l-Innu "Hail Queen of Heaven". (81)

Fl-1 ta' Novembru, 1887, fit-3.00 ta' fil-għaxija, is-suldati Ingliżi kattoliċi tar-riġment Second Essex li kienu fil-Forti Chambray, flimkien mal-Kappillan tagħhom Patri Riotta S.J., għamlu pellegrinaġġ għal Ta' Pinu, fejn il-Kaporal Kennedy offra f'isimhom xemgħa kbira lill-Madonna. (82)

Sabiex id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu tixtered mhux biss f'pajjiżna iżda wkoll barra minn pajjiżna, ħadem ħafna l-Patri Agostinjan Lorenzo Cauchi li miet fis-sena 1907. Ġie li kien imur Ta' Pinu, darbtejn kuljum bin-nies warajh, igħidilhom ir-Rużarju mat-triq u xħin jasal fil-kappella jqiegħed il-fjuri fuq l-artal u jirreċita magħhom xi talbiet quddiem ix-xbieha tal-Madonna. (83) Saħansitra huwa kien mar Sqallija biex ixerred din id-devozzjoni fejn qassam mijiet ta' kopji ta' ktieb dwarha li huwa kien ħa ħsieb li jiġi stampat hemmhekk. (84)

Id-Direttur tad-Devot ta' Marija, jassigurana li sa mill-1887, mhux biss minn Sqallija, iżda wkoll minn Kostantinopli, Bona u Philiville fl-Afrika ta' Fuq, kienu jiġu

f'Ta' Pinu diversi familji biex ikomplu l-wegħdi tagħhom. (85)

Fattur ieħor li sewa sabiex ikompli jqanqal fil-poplu tagħna x-xewqa li jżuru s-santwarju Ta' Pinu kien il-periklu tal-marda tal-kolera li ħakmet fi Sqallija fis-sajf tal-1887 u għamlet ukoll xi vittmi fil-gżejjer Maltin. F'din l-okkażjoni, gruppi ta' nies minn diversi nħawi għamlu pellegrinaġġi għas-santwarju sabiex jitolbu 'l Alla bl-interċessjoni tal-Madonna li jiġu meħlusin minn dan il-flaġell. Hekk per eżempju, fit-18 ta' Settembru, 1887, fil-għaxija, il-Patri Pubbliju Marija Galea, Gwardjan tal-knisja ta' San Franġisk tal-Patrijiet Konventwali, mexxa pellegrinaġġ tat-Terzjarji Franġiskani lejn Ta' Pinu bil-għan li jitolbu lill-Madonna tħares lil gżiritna mill-marda tal-kolera. (86)

Wara li ntemmet din l-epidemja, bosta Għawdxin u Maltin ħassew id-dmir li jżuru s-santwarju Ta' Pinu biex jirringrazzjaw lil Alla u Marija Santissima li kienu ħelsuhom minn dak il-periklu. Hekk, fl-20 ta' Novembru, 1887, fil-għaxra ta' fil-għodu, il-Kanonku Dun Franġisk Saverju Debrincat, Arċipriet tal-Għarb u Rettur tas-Santwarju, b'ringrazzjament għall-ħelsien mill-flaġell tal-kolera, kanta t-Te Deum, ta l-Benedizzjoni Ewkaristika u għamel diskors lill-poplu. Għal din l-okkażjoni, mhux biss il-kappella, iżda wkoll il-għalqa ta' quddiemha, kienet iffullata bin-nies li ġew minn kull rokna tal-gżira. (87) Fil-25 ta' Frar, 1888, is-Sorijiet ta' San Vinċenz de Paoli, impjegati f'diversi sptarijiet u istituti ta' Malta ġew fis-santwarju Ta' Pinu, fejn semgħu l-quddiesa u l-priedka ta' Monsinjur Mikiel Angelo Farrugia. Billi fl-isptarijiet kellhom jassistu ma' xi morda tal-kolera, kienu fil-periklu kontinwu li jittieħdu b'din il-marda; waħda minnhom fil-fatt, kienet mardet serjament b'din l-imxija, u waslet f'xifer il-qabar, iżda mbagħad irnexxielha terġa' tfieq. Dawn is-sorijiet riedu juru r-rikonoxxenza tagħhom li baqgħu ħajjin u għalhekk organizzaw dan il-pellegrinaġġ ta' radd il-ħajr f'riġlejn il-Madonna ta' Pinu. (88)

Fost il-pellegrinaġġi kollha li jsiru għal dan is-santwarju, jistħoqqilhom jiġu mfakkra l-pellegrinaġġi djoċesani li minn żmien għal żmien jiġu mnedija mill-Isqfijiet f'xi okkażjoni speċjali. Sabiex isir talb speċjali għax-xita, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Mikiel Gonzi, Isqof t'Għawdex, mexxa pellegrinaġġ mir-Rabat sal-Bażilika Ta' Pinu fid-29 ta' Marzu, 1936. (89) Meta s-sħab iswed tat-Tieni Gwerra Dinjija kien qed igħatti l-Ewropa u t-theddida tagħha kienet qorbot ħafna lejn pajjiżna, ġie organizzat pellegrinaġġ għas-santwarju b'inizjattiva tal-Isqof Gonzi fit-2 ta' Ġunju, 1940, bil-għan li jsir talb lill-Madonna sabiex teħles lill-gżira ta' Għawdex mill-qerda tal-gwerra. Peress li f'dak il-jum huwa kien marid bl-influwenza, mexxa l-pellegrinaġġ minn floku Monsinjur Ġużeppi Pace, li f'dak iż-żmien kien

Arċidjaknu tal-Katidral. Dawk li ħadu sehem fil-pellegrinaġġ ġew mistiedna sabiex jagħtu kelma lill-Madonna li jekk għiritna ma ġġarrabx il-ħsarat tal-gwerra, meta din tintemm, jagħmlu pellegrinaġġ ieħor ta' radd il-ħajr għal dan is-santwarju. (90)

Din il-wegħda tagħhom l-Għawdxin wettquha fis-27 ta' Mejju, 1945, meta pellegrinaġġ djoċesan ta' ringrazzjament għas-santwarju Ta' Pinu ġie mmexxi minn Mons. Ġuzeppi Pace li sadattant kien ġie nominat Isqof ta' Għawdex. (91) Mons. Pace ta ordni wkoll li fit-22 ta' Ġunju ta' kull sena, jiġifieri fl-anniversarju tad-dehriet Ta' Pinu, fil-knejjes parrokkjali t'Għawdex għandha tindaqq mota ta' 10 minuti fl-10 ta' fil-għodu ta' dan il-jum u fil-għaxija jitkanta t-Te Deum u jingħad talb speċjali lill-Madonna. (92)

Pellegrinaġġi djoċesani għas-Santwarju Ta' Pinu saru wkoll bi thejjija għall-Kungressi Ewkaristiċi Djoċesani fl-1929 (93) u fil-1979, kif ukoll fil-bidu tal-Missjoni Djoċesana tal-1967 u tal-1980.

L-aħħar kelma li nixtieqnu ngħidu hija dwar il-pellegrinaġġi tat-tfal u taż-żgħażagħ. L-istudenti interni tas-Seminarju, wara l-ewwel pellegrinaġġ tagħhom li kien sar fil-5 ta' Awissu, 1887 (94) komplew ta' kull sena jżuru s-santwarju, aktarx fix-xahar ta' Mejju. Diversi skejjel oħra kienu jorganizzaw minn żmien għal żmien pellegrinaġġi għall-istudenti tagħhom. Mir-reġistru tal-Viżitaturi, jirriżulta wkoll li xi parroċċi għawdxin, fosthom dawk tan-Nadur u tax-Xagħra kellhom id-drawwa li jieħdu t-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina f'riġlejn il-Madonna Ta' Pinu. Riċentement, it-tfal Għawdxin ġew imlaqqgħin fil-Bażilika Ta' Pinu għal diversi okkażjonijiet bħal ma huma dik tas-Sena Internazzjonali tat-Tfal f'Diċembru, 1979, u fiċ-ċelebrazzjoni Ewkaristiko-Marjana għall-istudenti fis-6 ta' Diċembru 1980. F'Ta' Pinu, inżammu funzjonijiet reliġjużi għaż-żgħażagħ fit-22 ta' Frar, 1980, u fit-30 ta' Ottubru, 1980.

Ta' min jittama li x-xrara ta' devozzjoni lejn il-Madonna Ta' Pinu li tkebbset f'qalb il-poplu tagħna ma tintefiex iżda tibqa' tixgħel ukoll fil-ġenerazzjoni żagħżugħa tal-lum u ta' għada. Anke f'pajjiżna jeħtieġ li jitwettqu l-kelmiet ta' Sidtna Marija: "Min issa l-quddiem, kull nisel isejjaħli hienja." (95)

**REFERENZI:**


(73) "Id-Devot ta' Marija", n. 2, Jannar 1881, p. 18.
(74) "Id-Devot ta' Marija", n. 5, April 1881, p. 66.
(75) "Id-Devot ta' Marija", n. 2, Jannar 1888, p. 18.
(76) "Id-Devot ta' Marija", n. 5, April, 1888, p. 34.
(77) "Id-Devot ta' Marija", n. 4, Marzu 18881, p. 50.
(78) "Id-Devot ta' Marija", Marzu 1889, p. 49.


*ikompli paġna 39*

# MARIJA

*Kitba ta'*
**Fr. Louis Bezzina**

L-Omm ta' Ġesù għandha sehem ħaj fil-ġrajja tal-fidwa tal-bniedem u għalkemm l-appostli fil-bidu tal-ministeru tagħhom ma tantx tawha importanza, aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, aktar bdiet tingħaraf din l-Omm. L-appostli, għall-bidu setgħu jitkellmu biss mill-esperjenza tagħhom ma' Ġesù, għalhekk tkellmu minn ħajtu mill-Ġordan sa wara l-qawmien. San Mark isemmiha biss darbtejn, (Mk 3:31-35; 6:3). Mattew, għad li kien jaf is-sehem tal-Madonna fil-ħajja ta' Ġesù, ta importanza lil Ġużeppi, għax imnissel minn David, biex juri lil Kristu bħala s-Sultan. F'Mattew hu Ġużeppi li jagħti l-isem lill-Iben tax-xbejba Marija (Mt 1:18-25). Imma f'Luqa Marija tidher quddiemna kif għandha tidher, kif fil-fatt ħadet sehem ħaj fil-missjoni ta' Kristu.

Il-vanġelu ta' Luqa jiftaħ b'Marija: il-ħajja tal-Knisja wkoll tibda b'Marija fiċ-Ċenaklu (Atti 1:14). Imma tispikka x-xbieha ta' Marija fi Ġwanni, l-appostlu maħbub ta' Ġesù. Hu jqiegħed il-ħajja pubblika ta' Ġesù bejn żewġ ġrajjiet Marjani, l-ewwel fil-Kana tal-Galilija, u mbagħad fuq il-Kalvarju.

"Imma forsi ssib min igħid illi dan l-iżvilupp fl-għarfien tal-ħidma ta' Marija fil-fidwa tal-bniedem, kien ħtieġa psikoloġika, bżonn tal-moħħ ta' l-ewlenin insara biex isibu OMM. Fil-fatt ma hux hekk, għaliex dan l-iżvilupp fl-għarfien ta' Marija bħala dik li għenet fil-fidwa, juri li l-appostli u l-insara ta' l-ewwel żminijiet kienu fehmu aktar il-misteru ta' Ġesù, misteru mgħaqqad sewwa ma' dik il-'mara' li HUWA xtaq li jitwieled minnha". (Gal. 4:4) (1)

Għalhekk sabiex nifhmu aktar is-sehem ta' Marija, jaqbel li nħarsu lejn xi titli li ngħatawlha fil-vanġelu.

**XBEJBA TA' SIJON:**

Għall-ewwel Marija tidher bħal kull Marija oħra li kienet tgħix fi żmienha u qabel żmienha. Ngħidu biss li l-isem 'Marija' fl-Aramajk jista' jfisser 'Prinċi-

---

## IL-PELLEGRINAĠĠI GĦAS-SANTWARJU TA' PINU

*(Jaqbad minn paġna 38)*

(79) "Id-Devot ta' Marija", n. 2, Jannar 1888, p. 19.
(80) "Id-Devot ta' Marija", April 1888, p. 66.
(81) "Id-Devot ta' Marija", Marzu 1888, p. 49.
(82) "Id-Devot ta' Marija", Åunju 1888, p. 98.
(83) "Gæawdex" 20/6/48, n. 48, p. 3.
(84) "Id-Devot ta' Marija", Settembru 1890, p. 146.
(85) "Id-Devot ta' Marija", April 1888, p. 67.
(86) "Id-Devot ta' Marija", Mejju 1888, p. 82.
(87) "Id-Devot ta' Marija", Ġunju 1888, p. 98.
(88) "Id-Devot ta' Marija", Awissu 1888, p. 129.
(89) Ktieb tal-pellegrinaġġi u l-viżitaturi.
(90) E. Montanaro — Msgr. P. Cauchi Op. Cit. p. 28.
(91) Ktieb tal-pellegrinaġġi u l-viżitaturi.
(92) L-Isqof J. Pace, Ittra Ċirkulari, n. 9.
(93) Bezzina Fr. Jos. "Il-Kungress Ewkaristiku t'Għawdex", p. 39.
(94) "Id-Devot ta' Marija", April 1888, p. 66.
(95) Luqa 1, 48.

pessa'. Luqa jpinġihielna bħala tfajla qaddisa, u li toqgħod għal-liġijiet tal-Lhud. Fil-fatt wara erbgħin jum mit-twelid ta' Ġesù marret għat-tisfija fit-tempju. (Lq. 2:22). Imma għal Luqa, Marija mhix sempliċi Lhudija bħall-oħrajn. Hu jurihielna bħala **x-xbejba ta' Sijon**, il-personifikazzjoni tal-poplu Lhudi kollu. Marija hi x-xbejba ta' Sijon li emmnet kliem il-Mulej, għalhekk hi tifraħ għax issa l-Mulej ġej fil-belt tiegħu biex isaħħaħha għal dejjem:

"Għanni ja bint Sijon,
għajjat bil-ferħ, ja Israel,
ifraħ u thenna b'qalbek kollha,
ja bint Ġerusalemm,
is-sultan ta' Israel, il-Mulej,
hu f'nofsok". (Sofon. 3:14).

L-Anġlu wkoll isellmilha bl-istess kliem: "Ifraħ Marija (Lq. 1:28). U din il-merħba ta' l-Anġlu ma kinitx merħba fiergħa, imma tfakkarna fil-wegħdiet tal-miġja tal-feddej fil-belt qaddisa tiegħu. U wkoll it-titlu li l-Anġlu qalilha: "SIBT GĦOĠBA F'GĦAJNEJN IL-MULEJ" (Lq. 1:30) ifakkarna fl-għarusa ta' GĦanjet l-Għanjiet. Hi biss mid-dar kollha ta' David irċeviet dan il-messaġġ. "Dan il-ferħ (tal-miġja tal-Feddej) issa twettaq fi tfajla li qed tippreżenta lill-poplu kollu. Israel jinsab f'Marija, u (permezz ta' Marija), jisma' l-messaġġ li Alla ser jibgħat sultan, il-Messija ġo nofshom". (2)

## HI LI ĦABBET 'L ALLA

Marija, ix-xbejba ta' Nazaret hi l-bniedma li ħabbet 'l Alla fuq kollox, u għaliex l-imħabba hi ħajja u tnissel, f'Marija kellu bilfors isir it-tnissil ta' l-Iben ta' Alla. Kienet lesta li tilqgħu fi ħdanha, għalhekk nistgħu ngħidu li qabel nisslitu fi ħdanha, Marija kienet diġà nisslitu f'qalbha. (Prius mente concepit quam ventre).

U Marija għamlet bħal Alla l-Missier. Il-Missier tkellem u nissel il-KELMA, sa minn dejjem. Marija wkoll tkellmet u bl-IVA tagħha tatna lil Ġesù Kristu. Marija tatna lil dak li nisslet fl-imħabba. Għalhekk "ħadd fid-dinja ma kien appostlu kbir daqsha. Ħadd mhu kapaċi jagħti lid-dinja l-KELMA li tatna hi." (3) Hi tatna lil Ġesù għaliex fl-imħabba kbira li kellha ma setgħetx iżżomm għandha l-iktar ħaġa għażiża u qaddisa li kellha. Għaliex l-imħabba ħadd ma jista' jwaqqafha:

"Ilma kotran ma jistax jitfi l-imħabba, l-anqas ix-xmajjar ma jistgħu jġorruha."
(Għanjet l-Għanjiet 8:7).

## MARIJA — XBEJBA SAFJA

Marija kienet xebba u omm fl-istess ħin. Dan jistqarruh ċar Mattew u Luqa u f'vanġelu qadim ta' Ġwanni nsibu hekk: "Hu li ma tnissel minn l-ebda demm u laħam imma minn Alla". (Ġw 1:13).

Fil-Palestina ma kienx hemm post għoli wisq għal min kien jagħżel li jibqa' mhux miżżewweġ. Li tibqa' mhux miżżewġa kien għajb għal tfajla Lhudija, għalhekk bint Ġeftah tibki għaliex kienet ser tmut xebba. (Imħallfin 11:37 jissokta). Imma fi żmien Ġesù, insibu li fl-għerien ta' Qumran, qrib il-Baħar il-Mejjet kienu jgħixu kwalità ta' patrijiet (biex insejħulhom hekk) li ma kienux jiżżewġu. Imma dan ma hux argument sod biżżejjed biex wieħed isaħħaħ it-tradizzjoni li Marija kellha f'moħħha li tibqa' xebba mqar qabel ma żżewġet. U l-fatt li wieġbet lill-anġlu: "Kif ikun dan jekk jien ma nagħrafx raġel?" (Lq 1:34) ma jurix li hi kienet diġà qatgħetha li tibqa' xebba (verġni).

"Marija kienet diġà mgħarrsa (ma' Ġużeppi) u għalhekk kienet ser tiżżewweġ, imma kienet għadha ma bdietx tgħix ma' Ġużeppi. Għalhekk, wieħed għandu mnejn, hawnhekk, jistudja l-mistoqsija ta' Marija lill-anġlu. Hi kienet fehmet li t-tnissil li kien semmielha l-anġlu kien ser isir mingħajr telf ta' żmien. Bħala għarusa hi naturalment fehmet illi dan kien ser jiġri b'mod tas-soltu; l-inkwiet tagħha hu dovut għall-fatt illi hi kienet għadha ma hix miżżewġa. U l-mistoqsija għalhekk kellha tkun proprju hekk: "Kif jista' jsir dan jekk jien m'iniex miżżewġa?" U jgħidu x'igħidu xi wħud, ma hix ħaġa faċli li tgħaqqad flimkien l-intenzjoni ta' Marija li tibqa' verġni mal-fatt li hi kienet diġà mgħarrsa



ma' Gużeppi; li taħseb li Gużeppi wkoll kien ta' l-istess ħsieb ta' Marija hija asserzjoni tagħna li toħloqilna żewġ problemi minflok waħda." (4)

Għalhekk nistaqsu: Mela kif it-tradizzjoni tgħidilna li Marija baqgħet verġni wkoll wara t-twelid ta' Ġesù? U t-tweġiba jagħtihielna l-istess kittieb:

"Naturalment, li nemmnu li Marija, wara li kienet fehmet mill-kliem ta' l-anġlu l-mod ta' l-għaġeb kif it-tarbija kienet ser titnissel u hi qatgħetha li tibqa' verġni, hi kwistjoni oħra. U f'dawn iċ-ċirkustanzi ġodda, Marija ħasbet (u emmnet) li raġel bħal Ġużeppi kien japprezza u jirrispetta dak li tkun xtaqet hi." (5) Fil-fatt, Mattew 1:18-22, jurina biċ-ċar illi Ġużeppi kien fehem sewwa l-misteru, wara li dehrlu l-anġlu fil-ħolm, u għalkemm qabel kien ser jitlaq lil Marija bil-moħbi, issa aktar japprezzaha u jirrispettaha.

Marija hija safja sa mill-bidu. Hi l-qaddejja tal-Mulej, u bħal sidha hija safja. Marija hija safja fil-ħsieb, fil-kliem tagħha, f'għemilha. Marija hija safja f'qalbha.

U fis-safa tagħha, "tiġbidna lejha bħal ma jiġbidna lejh ħoss ħlejju, jew ir-riħa tal-ward ifuħ. Is-safa tnissel f'ruħna sens ta' ġibda lejha, ġibda li ma nafux infissru. Is-safa tmiss il-kordi intimi ta' ruħna. Dak kollu li nixtiequ, dak kollu li nittamaw, jilħaq il-quċċata tiegħu fis-safa tal-ħsieb, li jnissel fina s-sliem u l-hena." (6)

Hekk aħna tajna ħarsa ħafifa, forsi wkoll mingħajr sekwenza loġika, lejn l-Omm t'Alla, kif turihielna t-tradizzjoni Nisranija. Din it-tradizzjoni kibret u xterdet matul il-miljiet tas-snin, u hekk issa saret biċċa waħda mill-wirt ta' missirijietna. Hawnhekk ippruvajna nuru illi din id-devozzjoni Marjana għandha bażi soda fil-Kelma ta' Alla. U ppruvajna narawha aktar ċara biex aktar nifhmu l-parti tagħha fil-ġrajja tal-fidwa tal-bniedem, u biex id-devozzjoni lejha tkun devozzjoni matura u mhux bla sens.

## REFERENZI:


(1) AUGUSTIN GEORGE, Dictionary of Biblical Theology, ed. Leon Dufour Xavier, London, 1973, 2nd ed., vide 'Mary'.

(2) ISQFIJIET OLANDIŻI, A New Catechism, W. Germany, 1969, (New Authorised Edition with supplement) p. 76.

(3) LUBICH CHIARA, meditazioni, Roma, 1965, 6th ed. p. 11.

(4) Bullettin of Christian Affairs, May, 1973, No. 32, p. 9.
NOTA: Il-kittieb hu esport fl Iskrittura magħruf f'Ruma u f'Ġerusalemm. Il-kitba ġġib l-Imprimatur ta' l-Arċisqof ta' Melbourne, J. Ronald Knox, u n-Nihil Obstat ta' D. Willis, O.P.

(5) ibid.

(6) DE CHARDIN THEILHARD, "The Making of a Mind".

# TA' PINU SANCTUARY THROUGH THE CENTURIES

On a strip of elevated ground only a short distance from the picturesque village of Għarb, on the farther side of an intervening valley, the splendid Sanctuary of Our Lady of Ta' Pinu towers majestically over the rural scenery, its high belfry rearing its head against the overhanging blue vault.

As if matching with the grandeur of this imposing holy edifice, the enchanting landscape holds the visitor spellbound. The terraced slopes of Ta' Għammar facing the sanctuary reach down to the main road. Farther away to the seaward, overlooking the vast expanse of water, lies Ta' Ġurdan hill, its highly-perched lighthouse still affording an invaluable beacon in the awe-inspiring darkness. At its foot, like an outpost guarding the approaches to a nearby inlet, rises the charming crib-like hillock of Ta' Kanġla.

Part of the immediate surroundings above the sanctuary abound with extinct stone quarries which must have been fully utilised in supplying stone for its erection. Singly and in small groups, common fruit trees as the fig and pomegrenate still dot the landscape while vines shoot out their tender twigs across stone hedges. A few straggling houses close by make up a small hamlet having a chapel dedicated to St. Publius.

In this fascinating landscape the famous Marian shrine stands, embracing within its sacred precincts the old chapel with its thrilling history. In its cool shade, pilgrims and tourists relax from the stifling heat of summer while about them the air is alive with twittering short toed larks and chirping cicadas hidden away among the greenery. In the curfew hour the tinkling church bell breaks the solemn stillness to summon the faithful to prayer while all around nature is hushed to rest.

The original chapel dates back to very remote times and judging by the estimates arrived at by the late Mgr. Giuseppe Farrugia in his booklet "La Beata Vergine Ta' Pinu In Gozo", published in 1891, it must be about six hundred years old. Similar wayside chapels were scattered all over Gozo at the time of its erection, but later collapsed through the ruinous hand of time and public neglect. Undoubtedly, such would also have been the fate of this historic chapel but for the timely intervention of the zealous faithful every time disaster seemed imminent. Time and again access was forbidden in view of its dilapidated condition.

In the Siege of Gozo on July 16, 1551, it was devastated but again restored till the pastoral visit of Mgr. Cubelles in 1554. Considering its speedy restoration and the few hundred survivors after the Siege, it must have been very dear to the islanders. In 1575, the Apostolic Visitor Mgr. Peter Duzzina, alarmingly observing its well-nigh collapsible state again declared it inaccessible and ordered its demolition. But the inscrutable designs of Providence had decreed otherwise. Tradition has it that at the outset of the demolition process a labourer had his arm broken and his workmate broke a leg. Looking on this as evil portents of their own impending doom, they gave up and no further attempts were made. From its humble condition it was destined to be eventually transformed into a world-famous Marian shrine, the pride of the islanders and the wonder of foreigners.

Early in the seventeenth century a wealthy landlord named Pinu Gauci, owner of the site where the chapel is located, undertook its restoration at his own expense; later also making handsome donations for its upkeep and entrusted the renowned Italian painter Amadeo Perugino with a painting of Our Lady in

1619. Through his becoming so closely associated with the fascinating history of this chapel, Pinu Gauci unwittingly had his name transmitted to posterity. Though not ranking among his masterpieces, Perugino's painting is jealously treasured in view of its miraculous and historical connexions. In it Our Lady is depicted in a full-length standing posture, head bathed in a golden aura of light slightly inclined to the left, eyes uplifted and hands reverently folded in an attitude of prayer. Angels are placing a crown on her head, also encircled with a diadem of twelve stars. Beneath lies an open sepulchre recalling the entombment with six apostles ranged about sorrowfully gazing upwards as She is assumed into heaven. Two short inscriptions read: "Mr. Pinu Gauci son of Saviour Gauci" and "Painted by Amadeo Perugino 1619". The painting makes an irresistible appeal kindling devotion in the onlooker.

In his pastoral visit of 1879, the late Archbishop Peter Pace again found it in a very bad state, with a leaky ceiling and almost beyond repair. However, contrary to all expectations, this critical juncture when its preservation was at stake proved to be a turning point in its destiny. Better days lay ahead.

Undoubtedly, the two most glorious chapters in its chequered history were written on June 22, 1833 and on June 20, 1935. On June 22, 1883, at about 10.00 a.m. a pious peasant spinster named Carmela Grima hailing from Għarb was as usual taking a meal to her brothers whom she had left tilling the fields. Being in a hurry and unable to pay even a fleeting visit, she recited a short prayer on passing in front of the chapel. On rounding a bend along the tortuous road leading from the chapel, she heard a voice twice or three times calling her and saying: "Come, come". Carmela looked around puzzled and on seeing no one in the deserted fields, following a recitation of a Hail Mary, made as if to go on. Suddenly the same mysterious voice broke again the stillness of the hour saying: "Do come today for you'll be unable to come here the lapse of a year". There remained no further doubt that the mysterious voice proceeded from the chapel.

Retracing her steps she summoned up her failing spirits, entered and beside herself with celestial joy, continued her prayers. Finishing which, while making for the frontal door, the same voice called out again: "Recite three Hail Marys in commemoration of the three days of my entombment". Instantly acceding to the request, she returned home. Not only did those brief ecstatic moments mark the most important landmark in the annals of this Marian shrine; they also played a brilliant role in promoting the traditional teaching of the Assumption leading to its eventual proclamation as a Dogma of Faith in 1950 by the saintly Pope Pius XII. On June 25, 1958, the 75th anniversary of this most glorious episode, during the rectorship of the late Mgr. Lorenzo Portelli, a marble slab bearing a bust and inscription was fixed to the facade of Carmela Grima's house on the outskirts of Għarb to commemorate this remarkable event.

Meanwhile, the words of the prophecy were fulfilled to the letter: not long afterwards Carmela fell sick and for a year was unable to visit the chapel. What indescribable sorrow must have pierced her heart at the thought of being withheld from her longed-for visits to the beloved Lady!

Shunning the limelight of publicity and given wholly to a contemplative life of prayer and penance, for two years Carmela disclosed her heavenly secret to none. Later, while talking to a pious peasant bachelor also native of Għarb, Francesco Portelli, their topic shifted to the neglected chapel. To kindle in him greater devotion to that miraculous ikon of the Madonna, she confided to him the celestial secret; whereupon he also made known to her that for six times he had heard the Madonna calling him and imploring devotion to the wound caused by the Cross

on Christ's right shoulder as He dragged it up the hill of Calvary.

For two subsequent years the reserved heavenly-favoured peasants kept their secrets all to themselves. Then in 1886 Vincenza Portelli aged 75, mother of the same Francesco, was miraculously cured of heart disease and other chronic ailments after having had recourse to the prodigious image when the attending doctors had given up every hope. News spread all over Gozo, bringing in its wake to this very day countless spiritual and temporal favours that the compassionate Celestial Queen has ever since been bestowing on her suppliant children. Two other prodigious healings among the first recorded deserve at least a passing reference for their particularly striking nature. The first involved the instantaneous cure of 27 year-old Margerita Bartolo of Nadur after being stricken for eleven years with Ophoritis and ancilary infirmities. Another instantaneous and likewise impressive healing from almost complete blindness concerned Carmelo Azzopardi, a draper, hailing from Valletta. So completely restored was his eyesight that for a long time afterwards he worked far into the night in the dim light of a kerosene lamp. By now news of these miracles had spread to Italy and the Maltese communities in North Africa.

Naturally, these outstanding cures brought about considerable sensation among the faithful and devotion to Our Lady of Ta' Pinu rose accordingly, leading to the first organised pilgrimages to the chapel. Suffice it is to mention those that took place in June 1887, the memory of which lingered on for a considerable time afterwards. On Whit Tuesday June 1887, a detachment of Irish soldiers from the Cornwall Regiment of Light Infantry then billeted at St. Geroge's (Malta) crossed over to Gozo. Before lunchtime they marched from Victoria to Ta' Pinu in blazing sun, their regimental band playing. On arrival, their accompanying chaplain Fr. Hayden S.J. delivered an impressive address dwelling on the rapidly-spreading devotion to Our Lady of Ta' Pinu, following which prayers were recited. Then, to the strains of brass instruments, they sang the hymn famous among English-speaking Catholics, "Hail, Queen of Heaven". It must have been a really touching and thrilling spectacle watching those Irishmen once more testifying to the staunch faith instilled in their distant forefathers by the glorious St. Patrick!

The second pilgrimage likewise on a grand scale took place on the 12th of the same month by the lay tertiaries affiliated to the Conventual Friars Minor residing at Valletta.

It is said that Carmela Grima was granted a vision of the magnificent temple over the site whereon the original chapel stood. It then occurred to then-Bishop of Gozo Mgr. Giovanni Maria Camilleri to transform that cherished chapel into a splendid shrine. In this he was warmly seconded by an able and energetic rector, the late Mgr. Giuseppe Portelli. He took over at a most crucial time, a transitional period so to speak, when the chapel was undergoing a transformation from its humble status to a world-famous Marian shrine. Mgr. G. Portelli's rectorship spanned a period of thirty-three years (1916-49), including of course the critical dark days of World War Two with the attending administrative difficulties and shortcomings. His Lordship and Mgr. Portelli willingly laid their hands to the plough being warmly supported in their noble holy idea by the then-Archbishop of Malta Mgr. Peter Pace, himself a Gozitan who never forsook his native Gozo. Donations poured in from all over the islands while the Maltese communities throughout Great Britain, Italy, North Africa, Australia and America as well as foreigners from Ireland and other countries equally rose to the occasion.

To the renowned architect and civil engineer Andrè Vassallo went the

laborious task of drawing up the plan while the celebrated master-mason Vitor Vella was entrusted with its execution. No efforts were spared to achieve the best possible results. Undeterred by the great hazards involved (on one occasion two workmen died through a fall from the scaffolding) particularly in those days when modern building equipment was totally lacking, the arduous work forged ahead. On the 13th of December, 1931, the solemn consecration was carried out by the then-Bishop of Gozo Mgr. Michael Gonzi, while building was completed on the 8th of May, 1936.

This magnificent sanctuary forms a blend of architecture and sculpture, a fine specimen of workmanship at its best. As with great Marian shrines the world over, on stepping in you are gripped by an unusual sense of deep peace and felicity, feeling as it were immersed in an unearthly atmosphere. Your attention is drawn to a life-size stone statue of the Assumption perched high in a niche behind the high altar. Over-looking the side altars are colourful mosaic works representing familiar scenes from the life of Our Lady, as the Annunciation and Visit to Elizabeth. In the centre of the presbytery supported on four columns rises an exquisite canopy being an inward emblem testifying to its rank as a Minor Basilica. Within the sanctuary in the chapel of the Immaculate Conception are interred the mortal remains of Carmela Grima and Francesco Portelli.

Gracing a space between two naves stands a marble pulpit surmounted by an eagle while miniature stone statues of the Apostles in niches below the vault adorn the sanctuary. A room in the right hand corridor leading to the inner chapel houses a rich collection of votive offerings donated in thanksgiving for favours received. Besides a host of other testimonials of the boundless compassion and intercessory power of Our Lady, here we find displaced a life-jacket left by a grateful youth miraculously saved from drowning; steel splints donated by a grateful devotee cured of leg infirmities and the wooden crutches of a formerly-crippled individual. There is also a stirring account of an aged man miraculously saved from drowning through a fall in a raging storm while baiting lengths of twine, when he couldn't even swim. Moreover, he was doubly benefited through a successful outcome after undergoing a very difficult operation.

In glass cases on a stand near the main entrance are displayed different kinds of souvenirs ranging from common articles as holy medals, holy pictures, rosaries to others not so common and very attractive. Miniature mementoes suitable for a living room, or bedroom, all bearing an effigy in metal or otherwise of Our Lady of Ta' Pinu with electrical devices. Guides in neat uniforms speaking different languages are



**The Marble Pulpit at Ta' Pinu Sanctuary**

on hand offering every available help. Visitors are shown round and great pains taken to satisfy their curiosity through detailed information. A Visitors' Book bears numerous signatures running into thousands of people of different nationalities, religious beliefs, colours and social standings. I feel it would be most fitting to reproduce at least one moving entry, namely, that penned down by the Bishop of Prato, Mgr. Fiordelli: "I have laid at Her feet my Diocese, my poor self, my beloved clergy, the spiritual needs of my flock. May the Madonna bless us".

Fis-sena 1813 tweldilhom tifel u semmewh Ġużeppi; u sentejn wara, kif għidna, fis-16 ta' Awissu, 1815, kellhom lil Ġanninu. Kienu fil-ġenna ta' l-art għalkemm kienu fqar, imma lanqas laħqu għaddew sentejn fuq it-twelid ta' Ġanninu meta missieru Franġisk marad u miet. Ftit qabel ma miet, lil martu b'leħen miksur qalilha: "Margerita ħudli ħsieb uliedi kollha, fuq kollox nirrikkmandalek liċ-ċkejken: qis li tieħu ħsiebu, imsejken Ġanninu". Dawn kienu l-aħħar kelmiet li ħarġu minn fommu qabel ma miet. Kienu l-11 ta' Mejju, 1817, meta Ġanninu safa ltim. Din it-tarbija ltima kienet iddestinata

minn Alla biex ġurnata ssir il-missier ta' eluf ta' ltiema mad-dinja kollha, bil-għajnuna tal-Madonna Awżiljatriċi, il-Kewkba tal-Apostolat tiegħu.

**Ħolma ta' meta kellu 9 snin**

Meta kellu 9 snin, Ġanninu ħolom ħolma li baqgħet impressjonata f'moħħu. F'din il-ħolma sab ruħu f'bitħa kbira ħafna, fejn kien hemm ħafna tfal jilagħbu: biċċa minnhom jilagħbu, biċċa jiċċajtaw, u biċċa jidgħu. Meta sama' d-dagħa, Ġanninu qabeż ġo nofshom u għamel ħiltu kollha bil-kliem u bil-ponnijiet biex isikkithom. Dak il-ħin deherlu raġel, wiċċu kollu dija, liebes ta' sinjur, b'mantell abjad li kien jgħattilu persuntu kollha. Sejjaħ lil Ġanninu b'ismu u qallu joqgħod hu bħala kap tagħhom u wissieh: "Mhux bis-swat, iżda bl-imħabba u bil-ħlewwa trid tirbaħ lejk lil dawn ħbiebek. Iżda għallimhom dwar il-kruha tad-dnub u s-siwi tal-virtù".

Imbeżża, Ġanninu wieġbu li kien tifel fqajjar, injurant u li ma kienx kapaċi jgħallem id-duttrina lil dawk it-tfal kollha. F'daqqa waħda, it-tfal waqfu mill-ġlied u mid-dagħa u bdew jersqu kollha ma' dak is-sinjur li kien qiegħed ikellmu. Allura Ganninu staqsieh: "Min inti Sinjur li tridni nagħmel din il-ħaġa impossibbli?" Is-Sinjur wieġbu: "Sewwa sew għax din il-ħaġa tidhirlek impossibbli, li inti għandek tagħmilha possibbli permezz ta' l-ubbidjenza u billi titgħallem!" "Kif nista' nitgħallem jekk ommi ma tistax tħallasli l-iskola?" wieġbu t-tfajjel. "Nagħtik jien waħda għalliema li fl-iskola tagħha int tista' ssir għaref u li mingħajrha kull għerf tad-dinja mhux ħlief bluha". "Imma int min int?" reġa' staqsieh Ganninu u s-Sinjur wieġbu: "Jiena l-Iben ta' dik li Ommok għalmitek isselmilha tliet darbiet kuljum". "Imma x'jismek?" reġa' staqsieh. U s-Sinjur wieġbu: "Ismi staqsieh lil Ommi!" U hu u jgħidlu hekk, Ġanninu lemaħ ma'ġenb is-Sinjur, Mara ta' dehra l-iżjed sabiħa, liebsa mant jiddi minn kull naħa, sejħitlu ħdejha, ħaditlu idu f'idha u qaltlu: "Ħares!" Ġanninu ħares madwaru u ra li dawk it-tfal kollha għebu u flokhom kien hemm qtajja' ta' gidien, klieb, qtates,



**S. Ġwann Bosco, devot tal-Madonna**

orsijiet u ħafna annimali oħra. "Dan hu l-qasam tax-xogħol tiegħek, qaltlu hawn għandek taħdem, qis li tkun dejjem umli, ta' kuraġġ u ta' qawwa; u dak li issa qed tara jsir minn dawn l-annimali, inti għad trid tagħmlu fuq uliedi". It-tifel dawwar mill-ġdid għajnejh u minflok l-annimali ta' qabel sab ruħu mdawwar b'ħafna ħrief ħelwin. Dak il-ħin, dejjem fil-ħolm, infexx jibki u talab lis-Sinjura biex tkellmu aktar ċar għax ma setax jifhem x'riedet tfisser. Is-Sinjura qegħditlu idha fuq rasu u qaltlu: "Meta jasal il-waqt kollox għad tifhem." Xħin qaltlu hekk, sama' bħal ħoss u stembaħ u ma ra xejn iżjed. Din il-ħolma mliet ras Ġanninu Bosco. Kienet il-bidu ta' qdusitu.

**Talb u Xogħol, Xogħol u Talb**

Din kienet il-ħajja ta' Don Bosco. Il-Papa Piju XI, f'diskors li għamel fuqu fid-19 ta' Novembru, 1933, qal għalih: "Mnejn dan il-għaġeb ta' xogħol tiegħu mill-aqwa; mnejn dan il-kobor ta' xogħol li xtered mad-dinja kollha ħlief għat-talb tiegħu lil Alla, talb ta' bla ma jaqta', għaliex qisuh dejjem miġbur f'Alla? Tabilħaqq jista'

wieħed igħid għalih li x-xogħol tiegħu kien talb u t-talb tiegħu kien xogħol; u toqogħdlu tassew, għaliex ftit daqsu setgħu jgħidu għalihom li x-xogħol tagħhom huwa talb. X'kienet it-talba tiegħu 'l Alla ħlief "Da mihi animas caetera tolle?" 'Agħtini l-erwieħ, u l-bqija ħudu?"." U ċ-ċkejken Ġanninu ħtieġlu jaħdem kmieni. Meta baqgħu bla missier, ommu Margerita kellha taħseb għall-ħobżna ta' kuljum u t-trobbija ta' wliedha. Ta' erba' snin, lil Ġanninu qabditu jirgħa ż-żewġ baqriet li kellhom, jiġbor il-ħatab għan-nar u jgħinha fid-dar kif seta'. Xitwa u sajf ibakkru għax-xogħol fid-dar u barra fil-għalqa, b'kisra ħobż niexfa f'idejhom biex jitrejqu.

Ommu Margerita, għalkemm qatt ma marret skola, kienet tinqala' biex trabbi lil uliedha fil-biża' t'Alla. Ta' kull filgħodu u filgħaxija, araha tiġborhom madwarha u għarkubbtejhom jitolbu 'l Alla jagħtihom il-meħtieġ għall-ġisem u għar-ruħ, il-ħila biex jistgħu jaħdmu u l-maħfra tan-nuqqasijiet. L-għaxqa ta' din l-omm tassew nisranija ssemmilhom fuq il-ħniena t'Alla u l-ġmiel tal-ħolqien kollu li Alla għamel għall-għajnuna tal-bniedem.

Fiż-żmien tat-tfulija ta' Ġanninu Bosco, il-ġuħ kien jagħfas fuq l-Italja. Tallaba minn kull ġens kienu jiġġerrew minn raħal għall-ieħor jaraw mnejn jiksbu loqma ħobż; u għalkemm omm Ġanninu jafuha b'mara fqira, in-nies kienet taf li ħadd ma ħareġ bil-ġuħ mill-bieb tagħha, jew anqas lil ħadd ma ċaħdet rokna fejn jistkenn għal-lejl. Jekk tisma' b'xi marid li jinħtieġlu l-ikel, xejn ma kienet toqgħod tara jekk hijiex ser tlaħħaq għaliha u għal uliedha, araha tibgħatlu mill-ftit li jinzerta għandha maħżun. Hekk Ġanninu tgħallem minn għand ommu l-ħeġġa għat-talb, għax-xogħol u għall-karità. Arah imidd idu jgħin lil ommu fl-egħmejjel tal-ħniena li tidħol għalihom biex tgħin lill-morda.

### Ġanninu Bosco jilħaq Qassis

Meta qorob id-disa' snin, omm Ġanninu rat li din il-ħajja ta' ragħaj ma kenitx toqgħod għalih, għaliex fehmitha li Alla ried xi xogħol ieħor minnu. Imma f'Murialdo, raħal qrib tagħhom ma kienx hemm skola u dik ta' Castelnovo kienet il-bogħod wisq għalihom. Iżda oħt ommu, li kienet taqdi lill-Kappillan ta' Caprilio, li kien fetaħ skola għat-tfal żgħar fid-dar tiegħu, ħajjritha tibgħat lil Ġanninu għandu. Għalkemm kien hemm madwar żewġ mili bogħod, li ħtieġlu jimxihom darbtejn kuljum biex imur u jerġa' lura, riħ jew xita, Ġanninu xejn ma raha bi kbira la darba ried jitgħallem jaqra u jikteb. "Irrid nitgħallem għax irrid nilħaq qassis". Hekk kien igħid lil sħabu.

Kien għalaqhom l-għaxar snin, meta Ġanninu Bosco rċieva l-Ewwel Tqarbina. Dak iż-żmien ma kienux iħallu t-tfal jitqarbnu qabel ma jilħqu t-tnax jew tlettax-il sena. Imma ommu Margerita fis-sena 1826 bagħtitu jitgħallem id-duttrina f'Castelnovo. Ommu nnifisha hejjietu għall-Ewwel Tqarbina u dik il-għodwa li kellu jersaq jitqarben, riedet twasslu hi l-knisja ta' Castelnovo u tqarbnu flimkien, u wissietu biex f'dak il-jum hekk għażiż għalih iwiegħed lil Gesù li jibqa' għomru kollu marbut miegħu. Ġanninu hekk għamel u Ġesù Ostja daħal f'ruħ dan il-qaddej żgħir u żammha taħt idejh dejjem.

Ġanninu lil ommu kien semmielha fuq il-ħolma tiegħu u fehmitha mill-ewwel li binha kien għal qassis. Margerita, billi Toninu ried li Ġanninu jaħdem ir-raba' magħhom, telqet kollox f'idejn Alla, u Alla sama' t-talb tagħha. Dik is-sena 1826, sena tal-Ġublew mad-dinja kollha, saret missjoni ta' tmint ijiem fl-ibliet u fl-irħula l-kbar tal-Piemonte. L-aktar qrib ta' Becchi, ir-raħal ta' Buttiera kien fejn saret il-missjoni, u n-nies ta' l-idwar kienet tmur filgħodu u filgħaxija għall-priedka bil-mixi flimkien,. U hekk ġara li Ġanninu Bosco li kien imur kuljum iltaqa' ma' Dun Calosso, il-Kappillan xwejjaħ ta' Murialdo, li kien imur bil-mixi man-nies. Dan stagħġeb meta ra lit-tifel Ganninu ta' għaxar snin imur għall-priedki. Dan il-qassis interessa ruħu fit-tifel u meta sar jaf bix-xewqa tiegħu li jilħaq qassis, ftiehem ma' ommu biex tibgħatu kull filgħodu biex hu jgħallmu l-Latin u wara nofs in-nhar jibqa' jaħdem fir-raba'. Ġanninu ried itir bil-ferħ. Mar

għandu jitgħallem. Sabu iebes l-ilsien Latin, imma ma qatax qalbu; daħal għaih b'ħiltu kollha u peress li kien moħħu tajjeb beda miexi l-quddiem ġmielu. Dun Calosso ħabbu lit-tifel, għallmu kemm seta' u meta kien qed imut urieh fejn kellu merfugħa l-flus biex Ġanninu jeħodhom ħalli jkun jista' jkompli jistudja. Meta miet il-qassis u tfaċċat il-familja tiegħu, it-tfajjel ħass id-dmir li jagħtihom iċ-ċavetta fejn kien hemm il-flus, u baqa' b'xejn, jittama dejjem fil-providenza t'Alla.

Kien għadu żgħir meta tgħallem jagħmel il-Bużullotti, jimxi fuq il-ħabel, bħal taċ-ċirku u ħafna logħob ieħor. Dan kien iservih biex jiħbor ħafna żgħażagħ madwaru u qabel jibda l-logħob, kien igħidilhom ir-Ružarju u jsemmagħlhom l-priedka tal-Ħadd ta' qabel. Hekk bdiet il-ħidma ta' Dun Bosco, fost iż-żgħażagħ.

Ta' ħmistax-il sena, iz-ziju Mikiel, ħu ommu, bagħtu jitgħallem f'Castelnuovo. It-triq għal Becchi kienet twila, għalhekk meta tkun ix-xita, mal-lejl kien jitrekken taħt it-taraġ ta' wieħed ħajjat ta' qalbu tajba, li fl-aħħar ħajjru jgħammar miegħu u jħallas xi ħaġa żgħira. Wara l-ħin ta' l-iskola beda jgħin lil dan il-ħajjat u filwaqt li kien iħallas l-alloġġ tgħallem is-sengħa ta' ħajjat. U hekk baqa' biex iħallas l-alloġġ u jixtri l-kotba jaħdem ta' mastrudaxxa, ta' ħaddied, xogħol li kellu jservih il-quddiem, meta beda jiġbor it-tfal u ż-żgħażagħ.

F'sentejn għadda kors ta' tliet snin, u għalkemm kien jaħdem wara l-ħin ta' l-iskola, ġieb l-ogħla marki possibbli, għax il-Madonna, li tagħha kien tant devot, dejjem għenitu.

Fl-1833, wara li ħa l-parir ta' Dun Cafasso, qassis li kulħadd kien ifaħħru għal qdusitu, Ġanninu li kien qed jaħsibha jidħolx mal-Franġiskani, qatagħha li jsir qassis. Mar Chieri f'Kulleġġ tal-Ġiżwiti u hemm issokta jitgħallem.

Ħmistax-il xahar wara, f'Ottubru 1835, fil-knisja ta' Castelnuovo, fejn tgħammed għoxrin sena qabel, il-kappillan libbsu s-suttana ta' kjeriku u ħamest ijiem wara, talab 'l ommu tbierku, qabel jitlaq għas-Seminarju ta' Torin. Margerita taptpitlu fuq spallejh u qaltlu: "Meta inti ġejt fid-dinja, jiena tlaqtek f'idejn il-Madonna, meta bdejt titgħallem, ridtek tibqa' dejjem devot tagħha u titlobha fit-tiġrib, issa nitolbok li tgħożżha dejjem bħala Sultana tiegħek!" Ġanninu Bosco wasal fl-aħħar biex jaqta' xewqtu. Dun Guala, Rettur tas-Seminarju ta' Torin wegħdu li jħallaslu l-ewwel sena; it-tieni u t-tielet sena rebaħhom b'xejn bil-ħila tiegħu. Mis-Seminarju Minuri għadda għas-Seminarju Maġġuri u hemm baqa' dejjem jispikka fl-istudju, fl-imġieba tajba u fil-qdusija. Qaddes fl-1841 u minn dak inhar sar magħruf bħala Dun Bosco.

*(jissokta f'ħarġa oħra)*

## IL-MATERNITÀ TAL-MADONNA

Jekk trid tkun iben Marija, jeħtieġ li tgħix it-tbatijiet tiegħek fid-dawl tal-fidi.

*(F. Cuttaz).*

L-imħabba ta' l-ommijiet kollha flimkien kapaċi tqabbad ħuġġieġa kbira; imma din l-imħabba ma tiżboqx l-imħabba li Marija għandha lejn kull wieħed minna.

*(Saċ. G. Alberione).*

Il-fidili kollha għandhom jagħmlu talb ħerqan lil Marija, Omm t'Alla u Omm il-bnedmin, biex ikun hemm il-għaqda fost il-poplu t'Alla.

*(Konċ. Vatikan II).*

# ID-DEVOTI TAL-MADONNA JILQGĦU L-ISTEDINA TAGĦHA

L-istorja tas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu mhux biss insibuha miktuba u ppubblikata minn diversi awturi serji u responsabbli fir-riċerki tagħhom, imma iktar importanti, hija storja minquxa fil-qalb ta' eluf ta' devoti, Maltin u Għawdxin, li ta' spiss jinxteħtu f'riġlejn Marija biex ifaħħruha, jirringrazzjawha u jitolbuha tgħinhom fil-ħtiġijiet tagħhom.

Meta jżuru s-Santwarju ta' Pinu, id-devoti tal-Madonna jkunu qed iwieġbu għal dik l-istess stedina li l-Madonna għamlet lil Karmni Grima: "Ejja, Ejja". Min qatt jista' jifhem x'ħasset Karmni f'dik il-laqgħa ntima mal-Madonna fil-kappella ċkejkna tagħha dak inhar tat-22 ta' Ġunju, 1883?

Dak il-ferħ u paċi spiritwali li ħasset Karmni fil-jum tal-laqgħa tagħha mal-Madonna qatt ma jista' jitfisser biżżejjed meta tinkiteb l-istorja ta' dik il-ġrajja.

Imma d-devoti ta' Marija li bħal Karmni Grima jilqgħu dawk il-kelmiet ta' stedina, "Ejja, Ejja", u jwieġbu għalihom bis-serjetà u bid-devozzjoni li tixraq, jista' jkollhom xi ħjiel ta' dik il-paċi li ħasset hi meta semgħet il-leħen ta' Marija jsejħilha.

F'dan is-santwarju kull qalb tħoss il-preżenza ta' Marija. Min jasal sa Ta' Pinu, donnu bla ma jaf kif u għaliex, iħossu qisu miġbud minn xi qawwa misterjuża, u malajr jintilef f'mumenti ta' talb f'riġlejn il-Madonna.

Kull min iżur is-santwarju donnu mhux kuntent li jlissen biss it-tlett Ave Marijiet li l-Madonna talbet minn għand Karmni Grima; imma jħoss ukoll il-ħtieġa li jiftaħ qalbu ma' Marija, juriha bil-ferħ u n-niket tiegħu, u jitlob minn għandha tweġiba għal dak kollu li jtaqqal il-qalb.

Dawk kollha li jersqu f'riġlejn il-Madonna ta' Pinu, ipoġġu taħt il-ħarsien tagħha ta' Omm il-problemi kollha tagħhom. Ħafna huma dawk li anke jiktbu l-intenzjonijiet tagħhom u jafdawhomlha taħt l-artal tagħha biex jipparteċipaw mit-talb li ma jaqta' qatt ħalli Marija teħlishom minn kull hemm li jkollhom jew tgħinhom isibu kuraġġ biex iġorru s-salib li jtaqqalhom.

Huwa fenomenu interessanti ħafna li d-devoti tal-Madonna Ta' Pinu jħossu li huma parti ħajja mill-istorja ta' dan is-santwarju; iħossuhom ixxurtjati li huma wkoll, bħal Karmni Grima ħassew il-preżenza ta' Marija, u jgħożżu l-laqgħat tagħhom magħha f'dawk il-mumenti ta' talb li jgħinuhom mhux ftit biex iħobbu lil Ġesù u jimxu l-quddiem fit-triq tal-qdusija.

Bħala turija ta' radd il-ħajr għal tant grazzji maqlugħa bl-interċessjoni ta' Marija, ħafna minnhom jibqgħu jfakkruhom billi jħallu xi tifkira fil-"Kamra tal-Wegħdi" bħala ringrazzjament, jew inkella billi jniżżlu isimhom fir-reġistru tal-wegħdi maqlugħa, għad li ma jonqsux dawk il-laqgħat intimi ma' Marija minquxa fil-qalb tad-devoti tagħha, imma moħbija għal għajnejn il-pubbliku.

Il-laqgħa ta' Karmni Grima mal-Madonna nkitbet b'ittri tad-deheb fl-istorja ta' pajjiżna, u kull Malti u Għawdxi serju jgħożż, u jħossu kburi b'din il-paġna tal-istorja tagħna. Imma waqt li nammiraw il-ġenerożità li biha Karmni Grima wieġbet għas-sejħa tal-Madonna, ma nistgħux ma nammirawx ukoll il-ġenerożità ta' tant u tant devoti ta' Marija li ta' spiss iwieġbu għall-istedina tagħha u jmorru jagħtuha l-qima tagħhom fil-post magħżul minnHa nnifisha...

Din il-ġenerożità Marija tieħu pjaċir biha, u għalhekk hi min-naħa tagħha ma tonqosx li tkun ġeneruża u tkompli xxerred grazzji abbundanti fuq uliedha kollha u tgħinhom biex iħobbu iktar lil Ġesù.

**DUN ĠUŻEPP CAMILLERI.**

# Santwarji Marjani fl-Ewropa (1)

*Minn* **DUN ĠUŻEPP GRECH CREMONA**

L-Ewropa nisranija hija mimlija bis-Santwarji Marjani. Hawn sa nsemmi xi ftit minnhom u nibda minn Ruma. Għax kif qalet Marija stess "kull nisel sa jsejjaħli hienja" (S. Luqa Kap I v. 48).

## RUMA

L-ikbar knisja tal-Madonna ġewwa Ruma hija l-bażilika famuża ta' **S. Maria Maggiore**, mibnija mill-Papa San Liberju fis-Seklu IV. Il-Papa Franġiskan Konventwal Sistu V (1585-1590) żied il-kappella tas-SS.mu Sagrament waqt li Pawlu V (1605-1621) żied il-kappella Burghese fejn hemm ix-xbieha tal-Madonna "Salus populi Romani" sa minn żmien San Girgor il-Kbir. (590-604). Imma l-eqdem knisja tal-Madonna f'Ruma hi **S. Maria in Trastevere** mibnija minn S. Kallistu I (li jinsab meqjum fiha u li miet fis-sena 222). Fost Santwarji Marjani oħra tal-Belt Eterna, insemmi biss **S. Maria degli Angeli** mibnija minn Michelangelo fit-Terme ta' Djoklezjanu (Piazza Esedra). **S. Maria della Vittoria** tal-Karmelitani Skalzi, moviment tar-rebħa ta' Praga, S. Maria in via tas-Servi ta' Maria fejn hemm il-Madonna del Pozzo, il-Madonna del Miracolo f'S. Andrea delle Frate tal-Patrijiet Minimi fejn ikkonverta l-Lhudi Alfons ta' Ratisbonne, u fejn qaddes l-ewwel quddiesa San Massimiljanu Kolbe, **il-Madonna tat-Triq**, għand il-Ġiżwiti tal-Knisja ta' Ġesù, **il-Madonna del Divin Parto** għand l-Agostinjani fil-Knisja ta' S. Wistin, u dik tal-Perpetuo Soccorso għand ir-Redentoristi ta' S. Alfons (Via Merulana) barra minn tant oħrajn.

Qrib Ruma, insibu l-Abbazija ta' **Grottaferrata** tal-Patrijiet Bażiljani, il-**Madonna tal-Bon Konsill** ġewwa Genezzano għand l-Agostinjani, il-**Madonna tal-Grazzja,** fil-Katidral Velletri, u **S. Maria Liberatrice** għand l-Agostinjani ta' Viterbo.

## ITALJA

L-aqwa Santwarju Marjan fl-Italja hu dak ta' **Loreto,** li ilu mill-1291, żmien il-Papa Franġiskan Konventwal Nikola IV (1288-1292). Sistu V (1585-1590) ta' l-istess Ordni ħatru Katidral. Illum hu Uffiċċju tal-Kapuċċini.

Ġewwa Firenze, barra mill-Katidral immens ta' **S. Maria del Fiore** u l-famuża knisja tad-Dumnikani ta' **S. Maria Novella,** hemm il-Bażilika **tal-Karmnu** u s-Santwarju tas-**SS. Annunziata** tas-Servi ta' Maria. Dan l-Ordni beda fis-seklu XIII f'**Montesenario** qrib Firenze fejn għandhom is-Santwarju tad-Duluri.

Anke Napli għandu s-Santwarju tal-Karmnu, il-famuża **Madonna Bruna** u mhux bogħod minn Napli għandna dak li tiegħu kien darba Rettur S. Ġwann Leonardi (li miet fl-1609) u dak tant famuż ta' **Pompei,** imwaqqaf mill-Beatu Bartolo Longo, Terzjarju Dumnikan, fl-1875.

Famuż fi Sqallija l-Katidral ta' l-Assunta f'**Palermo,** dak tal-Madonna **"della Lettera",** f'Messina u s-Santwarju tal-Madonna ta' **Trapani.**

U f'Sardinja għandna s-Santwarju tal-Madonna ta' **Bonaria.** Il-Patruna tat-Toskana hi l-Madonna ta' **Montenero,** li tinsab qrib Livorno. Importanti wkoll il-Madonna ta' "San Luqa" Patruna ta' Bolonja, il-"Madonna della Salute" ta' Venezja fejn hemm ukoll il-famuża **"S. Maria Gloriosa de' Frari",** tal-Minuri Konventwali, l-Assunta ta' Tiziano, il-Madonna ta' **Monte Berico** qrib Vicenza, tas-Servi ta' Maria, **S. Maria di Caravaggio** fid-djoċesi ta' Cremona, u dak modern ta' **Monte Grisa** fid-djoċesi ta' Trieste.

Ġewwa Milan, barra mill-Katidral l-iktar famuż tal-Bambina, għandna s-Santwarju

ta' S. Maria spora S. Celso, mnejn telaq il-Beatu Giovanni Mazzucceni għall-martirju ġewwa Woodlark fl-Oċeanja (1885) u dak tal-**Bambina**, Casa Madre tas-Sorijiet ta' dan l-isem, imwaqqfin minn S. Bartolomea Capitanio u S. Vincenza Gerosa. Insibu mbagħad ġewwa Torin is-Santwarju tal-**Consolata** li tiegħu kien rettur San Ġużepp Cafasso, dak tal-**Awżiljatriċi** imwaqqaf minn San Ġwann Bosco, u dak tas-**Superga**, mibni mir-rejiet ta' Casa Savoia. Fl-aħħarnett, insibu f'Ġenova l-Assunta, knisja sabiħa msejħa ta' Carignano, u l-**Madonna della Guardia**, barra mill-**Kunċizzjoni** ta' Piazza Corvetto, tal-Patrijiet Kapuċċini, fejn hemm il-ġisem ta' l-ajk qaddis, San Franġisk minn Camporosso.

Santwarji Taljani oħra huma fost l-oħrajn il-**Madonna Inkurunata** ta' Foggia, dik tal-Providenza tal-Barnabiti ta' Piazza Dante ġewwa Napli, **il-Madonna Mirakuluża** ta' Foggia, dik tal-Grazzja fil-Katidral ta' Faenza, il-Madonna tan-Nar fil-Katidral ta' **Forlì**, "tad-daqqa ta' ħarta" fil-Katidral ta' **Vercelli** (imsejħa hekk għax kien hemm bniedem ħażin li taha daqqa ta' ħarta), il-Madonna tal-Karmnu fil-knisja ta' S. Ġwann Battista ġewwa **Rimini**, il-**Madonna tas-Saħħa**, fil-Knisja ta' San Kamillu ta' Milan, is-Santwarji magħrufa ta' **Rho**; ta' Oropa, ta' Saronno u ta' Varallo, il-Madonna tal-**Purezza**, għand it-Tejatini ta' Napli fejn hemm il-ġisem ta' San Gejtanu, il-Madonna **ta' l-Anġli**, barra mill-belt ta' Assisi, tal-Franġiskani Minuri, il-famużi Katidrali ta' Siena u ta' Pisa, u tant u tant oħrajn. Ta' min isemmi li San Bernard ta' Oairaux kien ried li l-knejjes kollha Cistercensi jkunu dedikati lill-Assunta (famuża qrib Milan il-knisja ta' **Chiaravalle Milanese**), u San Duminku ried li l-knejjes Dumnikani jkunu wkoll dedikati lill-Madonna taħt kwalunkwe titlu.

## IT-TWELID U D-DULURI TAL-MADONNA

Nifirħu fit-twelid ta' Marija Bambina, għax hi kellha tkun u saret il-glorja tas-sema, it-tama tad-dinja, il-biża' ta' l-infern u l-omm ta' l-istess Alla.

*(Arċisqof Em. M. Gonzi).*

Ejja nagħtu qima lill-Verġni Marija, għax it-tifkira tat-twelid tagħha tkattrilna s-sliem ta' ħajjitna, filwaqt li nħossu l-ferħ għas-sehem li kellha fil-fidwa.

*(E. Gerada, Pro-Nuncio fil-Pakistan).*

Bir-raġun it-twelid tiegħek, o Marija Bambina, ifakkar u jħabbar il-ferħ fl-univers kollu.

*(Liturġija).*

"Il-ġnus kollha jsejħuli hienja", qalet Marija bi spirtu profetiku, u l-poplu t'Alla mxerred mad-dinja jiftaħar li qiegħed taħt il-mant qawwi tiegħek.

*(Mons. Ed. Pecoraio).*

"Eva tatna mill-frott tal-ħajja; u flok ħajja qatlitna bis-semm; Marija dewqitna mill-frotta ta' mħabbtek; Ġesù...ħajja li qatt ma tintemm".

*(P. Mattew Sultana).*

"Alla tiegħek, fik demmek jiġġerra; B'ħalib sidrek int lilu rabbejt; Int għallimtu jitkellem u jimxi; Int il-ħlewwa ta' bewstu ħassejt".

*(Poeta A. Cuschieri).*

# MILL-ĦAJJA TAS-SANTWARJU



*Miġbura minn* **DUN KARM BORG**

**MARZU** *(ikompli)*

**9.** Pellegrinaġġ mil-Legion of Mary tar-Rabat għas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Wara saret il-Via Sagra ma' l-Għolja ta' Għammar.

**11.** Sar pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' San Lawrenz. Mexxew il-pellegrinaġġ is-saċerdoti tal-parroċċa Dun Ġużepp Piscopo u Dun Manwel Cutajar.

Fl-istess jum l-Arċipriet Mons. Carmelo Mercieca mexxa pellegrinaġġ mill-parroċċa tax-Xewkija u l-Arċipriet Dun Alwiġ Vella flimkien mal-kleru tal-parroċċa mexxa Konċelebrazzjoni fis-Santwarju fi tmiem il-pellegrinaġġ li sar mill-parroċċa taż-Żebbuġ.

**17.** Fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġużepp, Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa Funzjoni għall-irġiel Għawdxin fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Fid-diskors ta' l-okkażjoni Mons. Isqof ħeġġeġ lill-irġiel Għawdxin biex iħarsu lejn San Ġużepp u jżommuh bħala mudell għalihom ta' kif għandhom jieħdu ħsieb il-familja tagħhom u jrabbu lil uliedhom fiż-żminijiet tal-lum.

**22.** Illum, id-Djakni Għawdxin, flimkien mal-Prefett tas-Seminarju, Dun Mikiel Mintoff, għamlu pellegrinaġġ għas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Ġiet iċċelebrata l-Ewkaristija u sar talb lill-Madonna bi tħejjija għall-Ordinazzjoni Saċerdotali.

Illum ukoll, il-Kappillan Dun Ġwann Cini flimkien ma' xi saċerdoti tal-parroċċa, mexxa pellegrinaġġ għas-Santwarju mill-parroċċa tal-Fontana fl-okkażjoni tas-Sena Mqaddsa tar-Redenzjoni.

**24.** Il-Kan. Dun Salv Pace, Direttur Djoċesan ta' l-Abbatini, organizza pellegrinaġġ għall-abbatini kollha ta' Għawdex. Huwa stess mexxa Konċelebrazzjoni flimkien ma' għadd ta' saċerdoti Diretturi parrokkjali tal-Piccolo Clero u fi tmiem il-quddiesa ta' tifkira lil dawk kollha li attendew. Madwar 300 abbatini Għawdxin ħadu sehem f'din il-funzjoni u wara saret Via Sagra għalihom mis-Santwarju ta' Pinu għal fuq l-għolja ta' Għammar. F'din il-Via Sagra ħadu sehem attiv abbatini minn kull parroċċa.

Illum ukoll Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa Via Sagra mis-Santwarju ta' Pinu għal fuq l-għolja ta' Għammar. F'din il-Via Sagra ħadu sehem nies mill-parroċċi kollha ta' Għawdex.

**25.** Il-Kappillan Dun Ġużepp Mintoff mexxa pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' Kristu Ewkaristiku Salvatur ta' l-Għasri, għas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu.

**30.** Fl-okkażjoni tas-Sena Mqaddsa tar-Redenzjoni, l-Arċipriet tal-Katidral, Mons. Carmelo Scicluna mexxa pellegrinaġġ għas-Santwarju ta' Pinu fejn huwa

stess mexxa Konċelebrazzjoni flimkien mal-kleru tal-parroċċa.

**31.** Ġie organizzat pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' San Lawrenz u saret Via Sagra mis-Santwarju għal fuq l-għolja ta' Għammar.

**APRIL**

**1.** L-Arċipriet Mons. Ġużeppi Borg tal-Parroċċa ta' l-Għarb, u l-Arċipriet Dun Nikol Vella tal-parroċċa ta' Sannat mexxew pellegrinaġġi mill-parroċċi tagħhom għas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Fiż-żewġ pellegrinaġġi ġiet iċċelebrata l-Ewkaristija u sar talb lill-Madonna.

**4.** Fl-okkażjoni tas-Sena Mqaddsa tar-Redenzjoni, l-Azzjoni Kattolika ta' Għawdex organizzat pellegrinaġġ għas-Santwarju ta' Pinu. Dun Karm Hili, Assistent Ekkleżjastiku Djoċesan qaddes għal dawk li ħadu sehem fil-pellegrinaġġ u wara saret Via Sagra mis-Santwarju għal ma' l-għolja ta' Għammar.

**5.** Il-Legion of Mary taż-Żebbuġ organizzat pellegrinaġġ għal ta' Pinu. Dun Salv Tabone qaddes għal dawk li ħadu sehem fil-pellegrinaġġ.

**6.** Il-Kumitat Djoċesan taż-Żgħażagħ organizza pellegrinaġġ għaż-żgħażagħ Għawdxin għas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Wara li l-Kan. Dun Anton Refalo mexxa r-rit tat-Tqarbin fis-Santwarju, u ħafna żgħażagħ tqarbnu, saret Via Sagra ma' l-għolja ta' Għammar. Mijiet ta' żgħażagħ minn Għawdex kollu ħadu sehem f'din il-Via Sagra.

**8.** Is-Superjur tal-Fergħa Ewkaristika ta' Malta, Ġorġ Grima, mexxa pellegrinaġġ penitenzjali għas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Saret ukoll Via Sagra mis-Santwarju għal ma' l-għolja ta' Għammar, fl-okkażjoni tas-Sena Mqaddsa tar-Redenzjoni.

Illum ukoll l-Arċipriet ta' Għajnsielem, il-Kan. Dun Ġużepp Zerafa mexxa pellegrinaġġ penitenzjali mill-parroċċa tiegħu għas-Santwarju. Saret ukoll Via Sagra ma' l-għolja ta' Għammar.

**11.** Saru pellegrinaġġi mill-Kommunitajiet tal-parroċċa ta' San Ġorġ u tal-knisja ta' San Franġisk tar-Rabat. Saret konċelebrazzjoni li tmexxiet mill-Arċipriet Mons. Emmanuel Mercieca u Dun Louis Bezzina għamel l-omelija ta' l-okkażjoni.

**14.** Il-Moviment Ewkaristiku ta' Għawdex organizza Lejl Adorazzjoni fis-Santwarju ta' Pinu. Wara quddiesa mid-Direttur tal-Moviment, tkompliet l-adorazzjoni sas-sigħat bikrin ta' filgħodu.

**15.** Il-Kappillan ta' Kerċem, il-Kan. Dun Franġisk Debrincat mexxa pellegrinaġġ mill-parroċċa tiegħu għas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Huwa qaddes għal dawk li ħadu sehem fil-pellegrinaġġ.

**16.** Il-Kurja 'Maria Verġni' tal-Legion of Mary organizzat pellegrinaġġ għas-Santwarju ta' Pinu għall-membri tagħha tan-Nadur, tax-Xagħra u tal-Qala. Wara li l-Leġjunarji ħadu sehem fil-quddiesa komplew dan il-pellegrinaġġ penitenzjali bil-Via Sagra li saret ma' l-għolja ta' Għammar.

**17.** Fi tmiem l-irtir tagħhom tar-Randan f'Manresa, il-Professjonisti għamlu pellegrinaġġ għas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Huma ħadu sehem f'quddiesa li saret għalihom mill-predikatur ta' l-Irtir.

**18.** L-Azzjoni Kattolika ta' Kerċem organizzat pellegrinaġġ għat-tfal u l-istudenti. Qaddes għalihom Dun Girgor Grech u wara saret il-Via Sagra ma' l-għolja ta' Għammar.

**19-22.** Mons. Beneditt Camilleri, Rettur tas-Santwarju, mexxa l-Funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa fis-Santwarju.

**25.** Fr. Alfred Pitrè qaddes għas-sorijiet Agostinjani li ġew f'pellegrinaġġ għas-Santwarju. Sar ukoll talb lill-Madonna ta' Pinu.

**MEJJU:**

**2.** Bidu tal-Erbgħat tal-Madonna ta' Pinu. F'dan il-jum il-programm tal-funzjonijiet kien hekk: Quddies: fil-5.00 a.m.; fis-6.00 a.m. kantata; fit-8.30 a.m. Fil-5.00 p.m. Għasar

li tmexxa minn Mons. Beneditt Camilleri bissehem tal-Kapitlu ta' l-Għarb u wara quddiesa bl-Omelija minn Dun Karm Borg. Fit-8.00 p.m. Quddiesa letta u wara Mons. Rettur mexxa Korteo 'aux flambeaux' fuq iz-zuntier tas-Santwarju. Il-Funzjonijietj ta' dan il-jum intemmu b'Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**5**. Fl-okkażjoni ta' l-ewwel Sibt tax-xahar, il-Fergħa Ewkaristika organizzat il-laqgħa tagħha fis-Santwarju. Saret quddiesa u wara siegħa adorazzjoni.

**6**. Mons. Ġużeppi Buttigieg qaddes għal grupp ta' Leġjunarji li ġew fis-Santwarju biex jirringrazzjaw lill-Madonna fi tmiem l-"Peregrinatio pro Christi" li huma għamlu f'parroċċa ġewwa Ruma.

**12**. Pellegrinaġġ mil-Legion of Mary. Qaddes Dun Ġużepp Camilleri u sar diskors dwar Edel Quinn minn Bro. Edward Camilleri. Mons. Rużar Borg għalaq din il-Funzjoni b'Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

Pellegrinaġġ mil-'Le Spigolatrici della Chiesa'. Qaddes għalihom Dun Karm Hili fil-kappella tal-Madonna.

**13**. Pellegrinaġġ mill-Onorati Maltin għas-Santarju tal-Madonna ta' Pinu. Qaddes għalihom il-Kan. Zammit Gabaretta.

**25**. Saret Funzjoni għall-istudenti Għawdxin. Mexxa l-Funzjoni l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, u fi Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi u fi tmiem il-quddiesa qassam kotba tat-Testment il-Ġdid lil dawk l-istudenti kollha li ħadu sehem f'din il-Funzjoni.

Pellegrinaġġ mis-Sorijiet Agostinjani. Qaddes u għamel kelmtejn ta' l-okkażjoni P. Alfred Pitrè, Delegat tas-Sorijiet għal Għawdex.

**27**. F'għeluq il-50 sena mill-kanonizzazzjoni ta' San Ġwann Bosco, l-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Ħadu sehem fil-Konċelebrazzjoni għadd ta' Sależjani u saċerdoti Għawdxin. Numru kbir ta' Għawdxin ħa sehem f'din il-funzjoni.

**31**. L-Arċipriet Dun Anton Sultana mexxa Pellegrinaġġ mill-parroċċa tal-Qala għas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, f'għeluq ix-xahar ta' Mejju. Huwa qaddes għal dawk li ħadu sehem u għamel kelmtejn taċ-ċirkustanza.



**Via Sagra ma' l-Għolja ta' Għammar mill-abbatini ta' Għawdex**

# GRAZZI MADONNA GĦAX SMAJTNI

**GĦAWDEX:**

Mary Jane Borg; Michael Sultana; Ġuża Said; Dolores Zammit; Manwel Borg; Emilia Apap; Pawla Cauchi; Maria Azzopardi; Nata Camilleri; Maria Said; Maria Attard; Karmena Camilleri; Karmena Borg; Karmena Sacco; Anġlu Cassar; Loreta Portelli; Stella Attard; Pawla Grima; Rita Buhagiar; Bernarda Camilleri; Anthony Cordina; Maria Pisani; Antonia Farrugia; Spiro Grech; M'Anna Mercieca; Lela Cassar; Carmen Ciantar; Ġużeppa Zammit; Tessie Buġeja; Peter Paul Cassar; Carmen Agius; Rita Saliba; Maria Buttigieg; John Cini; Maria Attard; Clement Micallef; Giovanna Refalo; Victoria Galea; Maria Galea; Doris Pace; Beatrice Lupi; Salvina Grima; Carmel Camilleri; Therese Farrugia; Anthony Pace; Anthony Cini; Ġużeppa Axiaq; Joe Galea; Rose Cini; Joe Bugeja; Anthny Camilleri; Joe Scerri; Salvina Camilleri; Francis Galea; Maria Bigeni; Maria Farrugia; Ġorġa Borg; Loreta Xuereb; Rita Gauci; Emmanuel Spiteri; Maria Sultana; Carmen Cini; Franġisk Sultana; Anġela Micallef; Wistin Bartolo; Maria Grech; Ġamri Stellini; Beatrice Vella; Noel Cardona; Ġużeppa Grech; Frances Camilleri; Spiru Mejlaq; Sunta Cassar; Kelina Pace; Charlie Xuereb; Lilly Pisani; Mariano Haber; Rita Saliba; Sunta Bajada; Tereża Costa; Ġamri Said; Frank Said; Ċetta Debono; Lorrie Attard; Ġużeppa Azzopardi; Carmen Mizzi; Rita Grech; Maria Attard; Patricia Spiteri; Joseph Farrugia; Ġużeppi Sultana; Nancy Formosa; Ġużepp Borg; Ġorġ Cachia; Jane Buttigieg; Liża Curmi; Joe Xuereb; M'Anna Apap; Pawlu Grima; Ċetta Xiberras; Maria Sammut; Maria Borg; Antonia Sultana; Pawla Muscat; Mary Cauchi; Karmena Vella; Josephine Bajada; Toni Zammit; Esther Formosa; Anġela Cassar; Joe Muscat; Carmela Camilleri.

Giacinta Muscat; Maria Cardona; Franġiska Buttigieg; Sunta Scicluna; Tereża Camilleri; Carmen Magrin; Toni Sultana; Maria Grima; Carmela Curmi; Tarċisju Muscat; Martin Stellini; Michael Galea; Ġuża Atkin; Marcelline Zammit; Paul Sultana; John Spiteri; Joseph Mercieca; Anġlu Portelli.

**MALTA:**

Rose Micallef; Tony Cassar; Ġużeppi Zerafa; Karmenu Micallef; Ġorġ Azzopardi; Mary Micallef; Tereża Xuereb; Helen Buttigieg; Ġuża Vella; Vincent Debono; Louis Camilleri; Sammy Attard; Antonia Busuttil; Joseph Farrugia; Margaret Pace; Kathy Bajada; Dominic Sultana; David Bartoli; Carmelo Vella; Fredu Zerafa; Philip Enriquez; Victoria Galea; Doris Aquilina; Ġużeppa Portelli; Antonia Calleja; Mary Mallia; Ġorġ Bianchi; Joseph Ciappara; Salvu Farrugia; Mary Vassallo; Natasha Borg; Pauline Demicoli; Alfred Galea; John Debono; Karmenu Cauchi; Joseph Cauchi; Rose Mary Dalli; Sam Falzon; Miriam Axisa; Nikola







Għodd Sejr ill-
Madonna ta' Pinu
għal Grazzja Kbira
li Qagħtni minn
Għand ALLA.

N.N. 197

Falzon; John Aquilina; Connie Agius; Carmen Azzopardi; M. West; Carmela Formosa; S. Attard; Aldo Portelli; Ġużepp Gauci; Beneditt Axisa; Ġorġ Vella; Carmela Bonavia; A. Caruana; Doris Debono; Maria Zammit; Francesca Costa.

**AUSTRALIA:**

Josephine Briffa; Rita Spiteri; Rita Saliba; Leli Xerri; Mary Ann Said; George Camilleri; Anġlu Camilleri; Benny Farrugia; Gorġ Pace; Mr. & Mrs. Mercieca; Tony Vella; R. Deguara; Irene Tonna; Salvu Azzopardi; Jean Grech; Tancred Sultana; Margaret Caruana; Nancy Spiteri; Grace Anastasi.

**U.S.A.:**

Michael Muscat; Stella Xuereb; Frank Xuereb; Mrs. J. Haber; Michael Sultana; Rose Vella; Emmanuel G. Cassar; Frank Said.

## ŻWIĠIJIET LI SARU FIS-SANTWARJU

Paul Saliba u Nina Camilleri mix-Xewkija; Anton Farrugia minn Victoria u Doreen Pace minn Sannat; Joe Portelli min-Nadur u Rita Abela mill-Qala; M'Anne Falzon mill-Qala u Teddie Xerri mix-Xewkija; Lawrence Portelli minn Ħal Għaxaq u Maria Azzopardi mix-Xewkija; Michael Azzopardi mix-Xewkija u M'Anne Xiberras minn Kerċem; Mario Buhagiar minn Kerċem u Frances Spiteri minn Victoria; Salvu Spiteri mill-Munxar u Mary Muscat min-Nadur; Twanny Farrugia minn Victoria u Frances Spiteri mix-Xewkija.

## PREŻENTAZZJONIJIET TA' TRABI LILL-MADONNA TA' PINU

Ruth Attard —Għarb; M'Grace Mejlaq — Nadur; Karen Lupi — Victoria; James Lupi — Victoria; Tania Portelli — Kerċem; Charles Azzopardi — Xagħra; Romina Cefai — Żebbuġ; Richard Frank Axiaq — Żebbuġ; Miriam Axiaq — Żebbuġ; Natasha Vella — St. Andrews; George Charles Haber — Nadur; Maria Assunta Said — Nadur; Ian Galea — Imġarr, Malta; Laurie Vella — Xagħra; James Tabone — Ħamrun; Natalie Borg — Kerċem; Gesabel Apap — Xewkija; Charmaine Cordina — Victoria; Giovanni Camenzuli — Għarb; Mariella Cremona — Xagħra; Daniela Spiteri — Qala; Charmaine Vella — Victoria; Paul Debrincat — Kalkara; Stephan Bugeja — Xewkija; Austin Xerri — Xewkija; Rosemary Muscat — Victoria; Patricia Spiteri — Xagħra; Martin Azzopardi — Xewkija; Ritianne Azzopardi — Xewkija; Joseph Paul Cardona — Nadur; Lewis Stephan Magrin — Xagħra; Rose Spiteri — Xewkija; Denise Camilleri — S. Ġwann; Rachael Waine — Valletta; David Waine — Valletta; Kevin Waine — Valletta; Michael Xuereb — Nadur; Emily Camilleri — Nadur; Oliver Spiteri — Sannat; Roberta Cassar — Lija; Danny Farrugia — Mġarr, Malta; Rita Caruana — Qormi; Charmaine Portelli — Fontana; Frances Galea — Victoria; Josef Magro — Victoria; Paul Buttigieg — Qala; Elise Anne Bajada — Victoria.

## MAGĦMUDIJIET LI SARU FIS-SANTWARJU

Paul Zammit bin Benny u Elizabeth neè Axiaq minn Victoria; Natalie Borg bint Emmanuel u Carmen neè Vella minn Kerċem; Mario Lupi bin Frank u Emmanuela Said minn Victoria.

# WARDA LIL MADONNA

KULL ABBONAMENT HUWA WARDA LIL MADONNA.

AKTAR ABBONAMENTI: AKTAR WARD LIL MADONNA.

L-ABBONAMENTI HUMA TURIJA TA' QIMA LIL MADONNA.



**Iġbor Abbonati**

**Għar-Rivista**

**"Madonna ta' Pinu"**

- XERRED DEJJEM L-ISTAMPA T-TAJBA
- ĦAJJAR LILL-OĦRAJN JAQRAW LETTERATURA MARJANA.
- TRID TOFFRI RIGAL UTLI LIL ĦABIBEK? ABBONAH FIR-REVISTA "MADONNA TA' PINU".

Ibgħat l-indirizzi ta' l-abbonati l-ġodda lil:

Amministratur,
"Madonna Ta' Pinu",
Ċentru Kulturali Marjan,
Ta' Pinu — Għawdex.



IS-SANTWARJU TA' PINU MIBNI WARA LI L-MADONNA KELLMET LIL KARMNI GRIMA.

*"Il-Verġni Marija li mit-tħabbira tal-Anġlu laqgħet f'qalbha u f'ġisimha l-Verb t'Alla u ġabet il-ħajja lid-dinja, hu magħrufa u unurata bħala vera omm ta' Alla u tar-Redentur. Hi stess meħlusa b'mod sublimi, in vista tal-merti ta' Binha u Miegħu marbuta minn rabta iebsa li ma tinħallx, hi mgħonija b'uffiċċju l-aktar għoli u bid-dinjità ta' Omm tal-Iben t'Alla, u għalhekk bint maħbuba tal-Missier u tempju tal-Ispirtu s-Santu: u li minħabba dan id-don tal-grazzja l-aktar gholja tisboq b'mod kbir lill-kreaturi l-oħra kollha fis-sema u fl-art. Hi madankollu marbuta flimkien mar-razza ta' Adam mal-bnedmin kollha fi ħtieġa tal-fidwa, anzi hi "tassew omm tal-membri (ta' Kristu) ...għaliex ikkooperat bl-imħabba għat-twelid tal-fidili tal-Knisja, li ta' dak ir-Ras huma membri". Ghal dan hi magħrufa wkoll bħala l-membru singulari u ewlenija tal-Knisja u figura tagħha u mudell l-aktar perfett ta' fidi u ta' karità, u l-Knisja Kattolika, mgħallma mill-Ispirtu s-Santu bl-imħabba ta' pietà ta' bin tivveneraha bħala Omm l-aktar maħbuba".*

*(Mill-Kostituzzjoni Dommatika "Lumen Gentium"*